**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Jannar 2001**

**Avviz Nru: 1103/00**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Rosewood International Destination Management Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm932.75) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lilha mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mis-17 ta' Dicembru 1997 sal-10 ta' Mejju 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali bil-kumpanija konvenuta ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija l-konvenuta debitament notifikata la dehret biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u; l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas is-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm932.75).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 t'Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

**S.Farrugia**
**Dep/Reg** **Magistrat**